

2022

# Programm ta’ Ċelebrazzjonijiet Esterni organizzati għall-Festa Ad Unur Marija Bambina

# External celebrations programme organized for the Feast of Maria Bambina

# Programm tal-Festi Esterni organizzati għall-Festa Ad Unur San Ġużepp Parroċċa tal-Manikata

# External celebrations programme organized for the Feast of St. Joseph, Manikata

# Messaġġ tal-Festa mis-Sindku tal-Mellieħa



Nilqgħukom lura għall-Festa wara nuqqas ta' sentejn. Onestament ħassejnih ħafna dan in-nuqqas u issa qegħdin inħarsu 'l quddiem biex jerġgħu jibdew jiġu organizzati l-attivitajiet marbuta mal-festa u kif ukoll il-Festa ta' Marija Bambina. Kif sar fl-2019, din is-sena l-Kunsill qed iżomm l-appuntament tiegħu fejn jiġbor fil-qosor l-attivitajiet esterni kollha tal-Festa u jippubblikahom f'fuljett, biex mhux biss bħala Kunsill inkunu ta' servizz għalikom ir-residenti, iżda tkun ħaġa sabiħa li jkollkom informazzjoni rigward l-attivitajiet kollha esterni għal matul il-festa, ġurnata b'ġurnata minn kull għaqda miġburin f'fuljett wieħed.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul iż-żmien tal-festa jieħu ħsieb l-arranġamenti kollha meħtieġa dwar l-indafa pubblika, laqgħat mal-għaqdiet u permessi meħtiega. B'mod partikolari din is-sena anke bħala Kunsill Lokali tal-Mellieħa ħadna numru ta' deċiżjonijiet bżonnjuzi u importanti biex naraw li t-tradizzjonijiet tal-festa jibqgħu jiġu ċċelebrati fil-Pjazza tal-Parroċċa tal-Mellieħa, dan anke bil-preparazzjonijet għall-futur u b'mod partikolari biex ma jintilfux. Il-ħidma tibqa' għaddejja għaliex nemmnu bis-sħiħ li l-Kunsill għandu jagħti kontribut biex il-festa tirnexxi u kollox imur sew.

Għal sena oħra qegħdin ninkludu wkoll l-attivitajiet esterni tal-Festa ta' San Ġużepp tal-Manikata. Dan qed nagħmluh mhux biss għaliex il-Manikata hija parti mill-Mellieħa, iżda għaliex hija komunità ddedikata ħafna għall-festa li jiċċelebraw ta' San Ġużepp. Minn qalbna nawguraw lil ħutna tal-Manikata, festa mill-isbaħ.

Iż-żmien tal-festa huwa żmien mill-isbaħ fejn tara l-għaqdiet kollha jaħdmu bħala familja waħda biex ikollna festa mill-isbaħ u biex flimkien inkomplu nattiraw aktar nies lejn il-festa. Huwa xieraq li nsellmu wkoll lil dawk l-emigranti kollha li ta' kull sena jkunu fostna biex jiċċelebraw il-festa magħna.

Din is-sena għandna lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fejn qegħdin jiċċelebraw il-75 sena mit-twaqqif tagħhom. Minn qalbna nawgurawlhom aktar ħidma u suċċess.

Minn qalbi ngħid grazzi lil dawk il-mijiet ta' voluntiera li jagħtu s-sehem tagħhom u grazzi lil kulħadd tal-koperazzjoni. Nifhem u napprezza l-impenn, id-dedikazzjoni u s-sagrifiċċji tagħkom biex kull sena ssir kemm il-Festa ta' San Ġuzepp fil-Manikata kif ukoll il-Festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi għal dawn l-attivitajiet.

Nieħu din l-okkażjoni biex f'ismi bħala Sindku, f'isem sħabi l-Kunsilliera kollha u l-istaff tal-Kunsill, nawgura l-Festa mill-isbaħ lil kulħadd. Festa mimlija mħabba u qima lejn missierna San Ġużepp u ommna Marija Bambina.

Tislijiet,

Dario Vella
Sindku

# Feast message from the Mayor Mr Dario Vella

We welcome you back to the Feast after a two-year absence. Honestly we felt the lack of the festa and now we are looking forward to start organizing the activities related to the Feast of Maria Bambina. As was done in 2019, this year the Council is holding its appointment where it summarizes all the external activities of the Festa and publishes them in a brochure, so that as a Council we can be of service to you the residents, but it would also be nice to have information regarding all external activities during the holiday, day by day from each association incorporated in one brochure.

During the feast, the Mellieħa Local Council takes care of all the necessary arrangements regarding public cleanliness, meetings with the associations and necessary permits. In particular, this year as Mellieħa Local Council we have taken a number of necessary and important decisions to see that the traditions of the festive activities continue to be celebrated in the Mellieħa Parish Square, even keeping in mind future preparations and in particularly traditional activities so that these are not lost. Such work continues because we truly believe that the Council should contribute to the success of the feast and make sure that everything goes well.

For another year we are also including the external activities of the Feast of Saint Joseph held in Manikata. We are doing this not only because Manikata is part of Mellieħa, but also because it is a community having at heart the feast they celebrate of Saint Joseph. From the bottom of our hearts, we wish the residents of Manikata, a wonderful feast.

The time of the feast is an excellent opportunity where one see all the associations working as one family to have a wonderful feast and to continue attracting more people. It is appropriate to also greet all those emigrants who are among us every year to celebrate the feast with us. This year we have the Maria Bambina Choral and Orchestral Society celebrating their 75th anniversary. From the bottom of our hearts we wish them more work and success.

Genuinely, I say thank you to those hundreds of volunteers who give their time and thank you to everyone for the cooperation. I understand and appreciate your commitment, dedication and sacrifices so that every year the Feast of Saint Joseph is celebrated in Manikata and the Feast of Maria Bambina in Mellieħa. I encourage everyone to attend these activities.

I take this opportunity to, on my behalf as Mayor, on behalf of all my fellow Councilors and the staff of the Council, wish everyone a wonderful feast. A feast full of love and worship towards our father Saint Joseph and our mother Maria Bambina.

Regards,

Dario Vella
Mayor

# Programm ta' Ċelebrazzjonijiet Esterni organizzati għall-Festa Ad Unur Maria Bambina

## It-Tnejn, 29 ta' Awwissu 2022

Fit-8.00am u f'12.00pm – Ħruq tal-murtali tal-bomba.

Fis-7.00pm – Ħruġ tal-istatwa ta' Marija Bambina min-niċċa fejn titpoġġa għall-qima tal-poplu.

Fis-7.00pm – Salut, kaxxa infernali u murtali tal-beraq.

Mit-8.30pm 'il quddiem – Kunċert Annwali fi Triq Ġnien Ingraw organizzat mill-Għaqda tan-Nar 'Maria Bambina'. Wara l-programm, ħruq ta' murtaletti, murtali tal-kulur , blalen u kaxxa infernali tal-kulur.

## Il-Ħamis, 1 ta' Settembru 2022

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mit-8.15pm 'il quddiem – Programm Mużikali varjat imtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bonanno f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru 2022

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mit-8.00pm 'il quddiem – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa.

## Is-Sibt, 3 ta' Settembru 2022

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mit-8.00pm 'il quddiem – Programm Mużikali mill-Banda u l-Kor La Vittoria taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, Mro Ryan Mallia f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħadd, 4 ta' Settembru 2022

Fid-9.00am - Purċissjoni mit-tfal bi statwa ċkejkna ta' Marija Bambina mill-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa sal-Knisja Arċipretali.

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mis-7.00pm 'il quddiem - Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

Mit-8.00pm 'il quddiem – Serata Mużikali mil-La Vittoria Youth Band f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tnejn, 5 ta' Settembru 2022

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mit-7.45pm 'il quddiem - Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq il-Kappillan

Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Mit-8.30pm ’il quddiem – Marċ mill-Banda Duke of Connaught ta’ Birkirkara li jibda minn Triq il-Kbira (ħdejn il-Welbees Supermarket), Triq Sant’Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tlieta, 6 ta’ Settembru 2022

Fit-8.00am u f’12.00pm – Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Waqt il-barka - Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti

Mit-8.30pm ’il quddiem - Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant’Anna , Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Mit-8.30pm ’il quddiem – Marċ mill-Banda La Vittoria mill-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Sant’Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Mid-9.30pm ’il quddiem – Ħruq ta’ beraq, sfejjer, blalen, murtali tal-kulur u kaxxa infernali tal-kulur.

Waqt it-tlugħ tal-Istatwa ta’ Malta fuq il pedestall, jindaqq l-Innu Malti u jinħaraq n-nar minn Misraħ il-Parroċċa mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

## L-Erbgħa, 7 ta’ Settembru 2022 – Lejliet il-Festa

Fit-8.00am u f’12.00pm – Ħruq tal-murtali tal-bomba u murtaletti.

Mis-6.30pm ’il quddiem – L-Għaqda Korali u Orkestrali ‘Maria Bambina’ tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża solenni fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta’ Lejliet il-Festa.

Waqt it-tranżlazzjoni solenni jinħaraq salut u kaxxa infernali spanjola, segwiti minn esebizzjoni ta’ diversi murtali bil-logħob mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

Mis-7.00pm ’il quddiem – Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira k/m Triq tas-Salib, Triq Sant’Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Mis-7.00pm ’il quddiem – Marċ mill-Banda La Vittoria minn Triq il-Kbira k/m Triq tas-Salib, Triq Sant’Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Mit-8.30pm ’il quddiem - Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu Ad Unur Marija Bambina, lirika ta’ Nikol Biancardi u mużika ta’ Vincenzo Ciappara. Jidderieġi Mro Anthony Borg, Surmast Direttur tal-Banda Imperial.

Mid-9.15pm ’il quddiem - Fuq il-planċier il-Banda La Vittoria flimkien mal-Kor Vuċijiet Vittorjani jesegwixxu l-Innu Immortali Lill-Verġni Bambina kompożizzjoni ta’ Mro Willie Attard, imżejjen bi kliem poetiku tal-Avukat George Zammit. Il-Banda tkun taħt id-Direzzjoni ta’ Mro Ryan Mallia.

Mill-10.00pm 'l quddiem – Wirja ta' nar 'Symphony of Colours 2022' sinkronizzat mal-mużika. Ikun hemm ukoll esebizzjoni ta' nar tal-ajru tradizzjonali Malti.

Min-11.45pm 'l quddiem – Esebizzjoni ta' nar tal-art mekkanizzat u spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika f'Misraħ il-Parroċċa mtella' mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

## Il-Ħamis, 8 ta' Settembru 2022 – Jum il-Festa

Fit-8.00, fid-9.00, u f'12.00pm - Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

Fid-9.00am – L-Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina' tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża solenni fil-Knisja Arċipretali.

Mill-10.30am 'il quddiem - Marċ brijuż ta' filgħodu mill-Banda La Vittoria li jibda minn Misraħ il-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq Ġnien Ingraw, Dar tal-Anzjani 'Madonna tal-Mellieħa', Triq Edward Camilleri, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Sant'Anna, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa fejn dan il-marċ tradizzjonali jintemm quddiem il-każin fost il-briju tal-partitarji Vittorjani.

Mill-5.30pm 'il quddiem - L-Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina' tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar Solenni fil-Knisja Arċipretali.

Mis-6.00pm 'il quddiem - Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-Istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

Mis-6.30pm 'il quddiem - Programm Mużikali mill-Banda Sant'Elena ta' B'Kara fuq il-planċier tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria f'Misraħ il-Parroċċa li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-Istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

Mis-7.00pm 'il quddiem – Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina li tgħaddi minn Triq Salvinu Vella, Triq l-Inkurunazzjoni, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier, parti minn Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Salut, kaxxa infernali spanjola segwita minn wirja ta' murtali bil-logħob.

Mill-10.15pm 'il quddiem – Wirja ta' murtaletti, beraq, sfejjer,blalen, disinji, murtali

Mill-10.50pm 'il quddiem - Titkanta l-Ave Marija u tingħad talba lil Ommna Marija Santissima. Isir id-dħul tal-vara u tingħata l-Barka Sagramentali. L-Għaqda Korali u Orkestrali 'Marija Bambina' tieħu sehem fil-Barka Sagramentali fil-Knisja Arċipretali li ġġib fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-Festa. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad mal-Għaqdiet, b'mod partikolari l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina, sabiex tingħad talba ta' ringrazzjament lil Marija Bambina f'għeluq il-Festa.

# External celebrations programme organized for the Feast of Maria Bambina

## Monday, 29th August 2022

8.00am and 12.00pm – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

7.00pm – The Statue of Maria Bambina is taken out of the niche for the public's adoration.

7.00pm – Fireworks display by Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

8.30pm onwards – An annual concert in Triq Ġnien Ingraw organised by Għaqda tan-Nar Maria Bambina. A fireworks display will close the concert.

## Thursday, 1st September 2022

During the Solemn Blessing in the Church – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

8.15pm onwards – A varied Musical Programme organised by The Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' under the direction of Mro Michael Bonanno in Misraħ il-Parroċċa.

## Friday, 2nd September 2022

During the Solemn Blessing in the Church – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

8.00pm onwards – Vocal and Instrumental Programme by the Imperial Band and Choir under the direction of Mro Anthony Borg in Misraħ il-Parroċċa.

## Saturday, 3rd September 2022

During the Solemn Blessing in the Church – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

8.00pm onwards – Musical Programme by the La Vittoria Band and Choir under the direction of Mro Ryan Mallia in Misraħ il-Parroċċa.

## Sunday, 4th September 2022

9.00am - A children's procession with a small statue of Maria Bambina from Mellieħa Sanctuary Courtyard to the Parish Church.

During the Solemn Blessing in the Church – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

7.00pm onwards – The Imperial Band plays band marches along Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa and ends in Misraħ il-Parroċċa.

8.00pm onwards – Musical Evening organised by the La Vittoria Youth Band in Misraħ il-Parroċċa.

## Monday, 5th September 2022

During the Solemn Blessing in the Church – Għaqda tan-Nar Maria Bambina..

8.00pm onwards – The L'Isle Adam Band from Rabat, Malta plays band marches along Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq

San Ġużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa and finishes in Misraħ il-Parroċċa.

8.30pm onwards – The Duke of Connaught Band of Birkirkara plays band marches along Triq il-Kbira (near Welbees Supermarket), Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

## Tuesday, 6th September 2022

8.00am and 12.00pm – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

During the Solemn Blessing in the Church – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

8.30pm onwards - The Imperial Band plays band marches along Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna , Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

8.30pm onwards – The La Vittoria Band plays band marches along the Sanctuary Courtyard, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

9.30pm onwards – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

The National Anthem is played as the artistic statue depicting Malta is raised onto a pedestal in Misraħ il-Parroċċa and a fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina will be given once the statue is raised on the pedestal.

## Wednesday, 7th September 2022

8.00am and 12.00pm – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

6.30pm onwards – The Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' take part in the solemn religious celebration in the Parish Church on the occassion of the Feast's Eve.

A fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina during the translazzjoni solenni.

7.00pm onwards – The Imperial Band plays band marches along Triq il-Kbira c/w Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

7.00pm onwards – The La Vittoria Band plays band marches along Triq il-Kbira c/w Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

8.30pm onwards - The Imperial Band and Choir perform the anthem Ad Unur Marija Bambina, lyrics by Nikol Biancardi and music by Vincenzo Ciappara. The Band will be under the direction of Mro Anthony Borg.

9.15pm onwards – The La Vittoria Band and Kor Vuċijiet Vittorjani perform the anthem Lill-Verġni Bambina composed by Mro Willie Attard, and lyrics by Dr George Zammit. The Band will be under the direction of Mro Ryan Mallia.

10.00pm onwards – A spectacular fireworks display 'Symphony of Colours 2022' by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

11.45pm onwards – A spectacular mechanised fireworks display ending with a magnificent show of fireworks synchronised with music in Misraħ il-Parroċċa. This show is coordinated by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

## Thursday, 8th September 2022 – Festa Day

8.00am, 9.00am, and 12.00pm - Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

9.00am – The Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' takes part in the solemn religious celebration in the Parish Church on the occassion of the Feast.

10.30am onwards – The popular band march by La Vittoria Band along Misraħ il-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq Ġnien Ingraw, Dar tal-Anzjani 'Madonna tal-Mellieħa', Triq Edward Camilleri, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Sant'Anna, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

5.30pm onwards - The Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' take part in the celebration of the Solemn Vespers in the Parish Church.

7.00pm onwards – A procession with the statue of Maria Bambina along Triq Salvinu Vella, Triq l-Inkurunazzjoni, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier, part of Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

6.00pm onwards – Band marches by the San Sebastian Band of the Soċjetà Filarmonika Pinto, Ħal Qormi along Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa. A musical programme will follow and when the statue of Maria Bambina arrives in the Square the anthem Ad Unur Maria Bambina is executed.

6.30pm onwards – A musical programme by the Sant'Elena Band of B'Kara in Misraħ il-Parroċċa and when the statue of Maria Bambina arrives in front of the Banda La Vittoria club the anthem Lill-Verġni Bambina is executed.

10.15pm onwards – Fireworks display by the Għaqda tan-Nar Maria Bambina.

10.50pm onwards – The Ave Maria is sung and the statue enters the Parish Church and the Sacramental Blessing is given. The Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' takes part in the Sacramental Blessing in the Parish Church which brings to an end the external celebrations of the Feast. Everyone is invited to join the Għaqda tan-Nar Maria Bambina, in order to say a prayer of thanks to Marija Bambina at the end of the Feast.



Programm tal-Festi Esterni organizzati għall-Festa Ad Unur San Ġużepp Parroċċa tal-Manikata

External celebrations programme organized for the Feast of St Joseph, Manikata

# Programm tal-Festi Esterni organizzati għall-Festa Ad Unur San Ġużepp Parroċċa tal-Manikata

### Il-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu 2022

Fis-7.00pm - Ftuħ tal-Kappella ta' San Ġużepp, il-Knisja l-Qadima tal-Manikata.

### Is-Sibt, 27 ta' Awwissu 2022

Fit-8.00pm - Purċissjoni bil-Vara ta' San Ġużepp. Il-Purċissjoni tgħaddi min Triq Dun Manuel Grima, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja l-Qadima u għal Misraħ il-Parroċċa.

### Il-Ħadd, 28 ta' Awwissu 2022

Mid-9.00am sas-2.00pm - Wirja ta' karozzi u trakkijiet Amerikani organizzata mill-American Auto Club, Malta.

# External celebrations programme organized for the Feast of St Joseph, Manikata

### Friday, 26th August 2022

7.00pm - Opening of St Joseph Chapel, the Old Church of Manikata.

### Saturday, 27th August 2022

8.00pm - Procession with the Statue of St Joseph. The procession will pass through Triq Dun Manuel Grima, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja l-Qadima and onto Misraħ il-Parroċċa.

### Sunday, 28th August 2022

From 9.00am till 2.00pm - Car and Truck Show organised by the American Auto Club, Malta.

Is-Sindku, Viċi-Sindku, il-Kunsilliera u l-Istaff
tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jawguraw il-Festa
t-Tajba lir-residenti kollha tal-Mellieħa u Manikata.

Happy Feast to all Mellieħa and Manikata
residents from the Mayor, Deputy-Mayor,
Councillors and Staff of the Mellieħa Local Council.

IL-MELLIEĦA